

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Wirt](#) > [Restrizzjonijiet Fuq Is-suċċessjonijiet – Regoli Speċjali](#) > [Italy](#)

Restrizzjonijiet fuq is-suċċessjonijiet – regoli speċjali



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, ir-regoli speċjali jimponu, għal raġunijiet ekonomiċi, familjari jew soċjali, restrizzjonijiet li jikkonċernaw jew jaffettwaw is-suċċessjoni fir-rigward ta' propjetà immobbli, ċerti intrapriżi jew kategoriji speċjali oħra li jinsabu f'dan l-Istat Membru?

Hemm regoli li jillimitaw id-drittijiet tas-suċċessjoni (*diritti di successione*) għal ċerti membri tal-familja fil-każ ta' trasferimenti ta' akkomodazzjoni soċjali jew art allokata għal kategoriji partikolari (pereżempju, għal persuni eżiljati mill-Jugoslavja wara t-Tieni Gwerra Dinjija) u maħsuba għall-agrikoltura.

Dawn ir-restrizzjonijiet jinsabu fil-proċess li jisparixxu, peress li liġijiet suċċessivi ppermettew li jitneħħew gradwalment (pereżempju, billi jiġu kkompensati l-bennejja tal-akkomodazzjoni soċjali) jew il-limiti ta' żmien statutorji applikabbli għar-restrizzjonijiet skadew.

2 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, dawn ir-regoli speċjali japplikaw għas-suċċessjoni fir-rigward tal-assi msemmija hawn fuq irrispettivament mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni?

Iva, hemm regoli li jistgħu jillimitaw il-wirt għal ċerti membri tal-familja (pereżempju, għal art agrikola allokata għal raġunijiet soċjali, il-wirt jista' jkun limitat għal membri tal-familja li jkomplu fil-biedja).

3 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, jeżistu regoli speċjali biex jiżguraw konformità mar-regoli speċjali msemmija hawn fuq?

Ma hemm l-ebda proċedura speċjali għall-verifika jew għall-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli inkwistjoni.

L-aħħar aġġornament: 24/11/2025

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.